L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# DIRETTIVI RIGWARD IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-FESTI 2021

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti rigward l-imxija tal-COVID-19, l-Arċidjoċesi ta' Malta qed toħroġ dawn id-direttivi għall-festi għas-sena 2021.

1.2 Huwa importanti ħafna li l-miżuri ta' mitigazzjoni oħra li jkunu fis-seħħ fiż-żmien li tiġi ċċelebrata l-festa jitħarsu b'responsabbiltà u rigorożità.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

2.1 Għall-fini ta' dan id-dokument:

2.1.1 'Parroċċa' tirreferi għall-knejjes kollha ta' Malta, inkluż dawk parrokkjali u reliġjużi, u kull entità Kattolika oħra li torganizza festa reliġjuża.

2.1.2 'Kappillan' jirreferi għal arċiprieti, kappillani, retturi ta' knejjes, superjuri reliġjużi u prokuraturi tal-festa.

## 3. PRINĊIPJI

3.1 Hi ħaġa xierqa li filwaqt li niftakru fit-tagħlim u l-eżempji sbieħ tal-qaddisin patruni, nitgħallmu minnhom u nirrikorru għall-interċessjoni tagħhom.

3.2 It-tieni prinċipju hu dak ta' solidarjetà. Fiċ-ċirkostanzi li ninsabu fihom, għandha ssir enfasi akbar mis-soltu fuq is-sens ta' solidarjetà fil-jum tal-festa. Il-parroċċi għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex fil-festa tingħata għajnuna u attenzjoni partikolari lil dawk il-persuni l-aktar fil-bżonn fil-komunità parrokkjali f'dawn iż-żminijiet li fihom, il-familji jinsabu affaċċjati minn diversi sfidi. Dan għandu jilħaq il-qofol tiegħu f'impenn ferm akbar fil-qasam tad-djakonija u f'impenn biex f'dak li nagħmlu nieħdu ħsieb is-saħħa ta' xulxin.

## 4. APPLIKABBILTÀ

4.1 Dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ mill-25 ta' Mejju 2021.

4.2 Bla preġudizzju għal kwalunkwe liġi jew obbligazzjoni legali oħra maħruġa mill-Gvern jew l-awtoritajiet tas-saħħa, dawn id-direttivi għandhom jiġu rispettati fil-knejjes kollha ta' Malta, inkluż dawk parrokkjali u reliġjużi.

4.3 Dawn id-direttivi jgħoddu għall-festi titulari, festi sekondarji, u festi oħra li jsiru fil-parroċċa.

4.4 Dawn id-direttivi m'għandhomx jitqiesu bħala permess biex jittieħdu inizjattivi oħra li normalment jitolbu rikors jew permess mill-Kurja.

## 5. ID-DATA TAL-FESTA

5.1 Il-festa għanda tiġi ċċelebrata fid-data jew fil-Ħadd li s-soltu tkun iċċelebrata l-festa.

## 6. IL-QUDDIES RELATAT MAL-FESTA

6.1 Bla preġudizzju għal kwalunkwe attività li s-soltu titlob l-approvazzjoni tal-Kurja, hi fid-diskrezzjoni tal-kappillan li jfassal programm għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, para-liturġiċi, spiritwali u kateketiċi għal matul il-festa. Il-programm imfassal irid ikun konformi mad-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u/jew ċiviċi li jkunu fis-seħħ.

6.2 Il-quddies relatat mal-festa, inkluż dawk tal-kwindiċini, noveni u tridi, kif ukoll tal-quddies solenni, għandhom ikunu ċċelebrati b'mod dinjituż u b'konformità ma' kwalunkwe direttivi li jkunu fis-seħħ rigward iċ-ċelebrazzjoni tal-quddies mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u/jew dawk ċiviċi.

## 7. ĦRUĠ U DĦUL TAL-VARA

7.1 L-istatwa għandha tinħareġ u tiddaħħal lura fin-niċċa b'mod privat f'ġurnata li jagħżel il-kappillan sa mhux aktar kmieni mid-data li fiha is-soltu toħroġ u mhux aktar tard mid-data li fiha is-soltu tidħol.

## 8. L-ARMAR

8.1 L-armar jista' jsir bħalma jsir is-soltu. L-armar li jintrema hu fid-diskrezzjoni tal-kappillan imma m'għandux jikkonsisti f'armar aktar minn dak li jsir għal festa partikolari.

## 9. ĊELEBRAZZJONIJIET ESTERNI

9.1 Rigward iċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra l-bini tal-knisja, li normalment jiġu organizzati mill-Knisja, bħalma huma l-purċissjonijiet u quddies fil-miftuħ, dawn isiru biss jekk, fejn u meta l-Awtoritajiet tas-Saħħa jawtorizzawhom bħala attivitajiet permessi. Qabel ma jintalab permess lill-awtoritajiet ċiviċi, għandu jkun hemm konsultazzjoni mal-kurja.

9.2 Konformi mal-prassi preżenti, f'każ ta' ċelebrazzjonijiet differenti jew ulterjuri minn dawk li jsiru s-soltu, għandu jintalab permess mill-kurja.

## 10. MATERJI OĦRA

10.1 Kull tip ta' ftehim jew kuntratt li jirregola s-sehem ta' għaqdiet differenti fil-festa, għal din is-sena huwa sospiż. Nappellaw għall-maturità u l-koperazzjoni bejn il-partijiet kollha sabiex il-festa tagħti ġieħ lill-qaddisin protetturi tagħna.

10.2 Fid-dawl tat-tnaqqis fid-dħul finanzjarju li ċertu parroċċi għaddejjin minnu, tajjeb li jiġi kkunsidrat tnaqqis fl-ispiża tal-festa biex din ma tkomplix iżżid id-diffikultajiet finanzjarji li l-parroċċa jista' jkollha.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**